DIRETTIVI

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/369

tat-13 ta' Diċembru 2018

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI rigward l-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' "droga"

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2017/2103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI sabiex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI ([2]) fih lista ta' sustanzi li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' droga taħt il-punt 1(b) tal-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru.

(2) L-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI żdied bid-Direttiva (UE) 2017/2103. Jelenka s-sustanzi psikoattivi ġodda kollha li kienu soġġetti għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI ([3]) qabel ma ġiet adottata d-Direttiva (UE) 2017/2103.

(3) Id-Direttiva (UE) 2017/2103 ħassret id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI b'effett mit-23 ta' Novembru 2018. Mill-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2103 sat-23 ta' Novembru 2018, ħames sustanzi psikoattivi ġodda ġew soġġetti għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali taħt id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Madankollu, dawk is-sustanzi psikoattivi ġodda għadhom ma ġewx inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI.

(4) Għaldaqstant, minħabba li d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI tħassret, jenħtieġ li s-sustanzi psikoattivi ġodda li ġejjin jiġu inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI:

(a) *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-yl]furan-2-karbossamid (furanilfentanil) soġġetta għal miżuri ta' kontroll bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 ([4]);

(b) *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (ADB-CHMINACA) soġġetta għal miżuri ta' kontroll bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 ([5]);

(c) 1-(4-cyanobutyl)-*N*-(2-fenilpropan-2-yl)-1*H*-indazol-3-karbossamid (CUMYL-4CN-BINACA) soġġetta għal miżuri ta' kontroll bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 ([6]);

(d) *N*-fenil-*N*-[1-(2-fenilethil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossamid (ċiklopropilfentanil) and 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil) soġġetta għal miżuri ta' kontroll bid-Deċiżjoni ta'Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 ([7]).

([1]) ĠU L 305, 21.11.2017, p. 12.
([2]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda (ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32).
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 tal-15 ta' Novembru 2017 li tissoġġetta lill-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil) piperidin-4-il]furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19).
([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid (ADB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 8).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva ġdida 1-(4-cyanobutyl)-*N*-(2-fenilpropan-2-yl)-1*H*-indazol-3-karbossammid (CUMYL-4CN-BINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 10).
([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 tat-28 ta' Settembru 2018 li tissottoponi s-sustanzi psikoattivi l-ġodda *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossammid (ċiklopropilfentanil) u 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2- feniletil)piperidin-4-il] aċetammid (metossiaċetilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 245, 1.10.2018, p. 9).

(5) L-Irlanda hija marbuta bid-Direttiva (UE) 2017/2103 u għaldaqstant qed tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta'din id-Direttva delegata.

(6) Ir-Renju Unit mhuwiex marbut bid-Direttiva (UE) 2017/2103 u għaldaqstant mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva delegata u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(7) Id-Danimarka mhijiex marbuta bid-Direttiva (UE) 2017/2103 u għaldaqstant mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva delegata u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda għad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI

Dan li ġej jiżdied mal-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI:

"13. *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-yl]furan-2-karbossamid (furanilfentanil), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 (*).

14. *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid (ADB-CHMINACA), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 (**).

15. 1-(4-cyanobutyl)-*N*-(2-fenilpropan-2-yl)-1*H*-indazol-3-karbossamid (CUMYL-4CN-BINACA), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 (***).

16. *N*-fenil-*N*-[1-(2-fenilethil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossamid (ċiklopropilfentanil) and 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil), kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 (****).

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 tal-15 ta' Novembru 2017 li tissoġġetta lill-*N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]furan-2-karbossammid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19).

(**) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossammid (ADB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 8).

(***) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva ġdida 1-(4-cyanobutyl)-*N*-(2-fenilpropan-2-yl)-1*H*-indazol-3-karbossammid (CUMYL-4CN-BINACA) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 125, 22.5.2018, p. 10).

(****) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463 tat-28 ta' Settembru 2018 li tissottoponi s-sustanzi psikoattivi l-ġodda *N*-fenil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossammid (ċiklopropilfentanil) u 2-metossi-*N*-fenil-*N*-[1-(2- feniletil)piperidin-4-il]aċetammid (metossiaċetilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 245, 1.10.2018, p. 9)".

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn sas-7 Settembru 2019. Madankollu, għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-punt 16 tal-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva sad-29 ta' Settembru 2019. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom ikun hemm referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER